# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Kumpilazzjoni Nru 913/02

**Il-Pulizija**
**(Spett Neil Harrison u Spett Norbert Ciappara)**

**kontra**

**Anthony Gatt**

Illum 1 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat il-verbal illi sar mill-Ispettur Malcolm Bondi ghall-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-12 ta Gunju 2018 fejn gharraf lill-Qorti illi Anthony Gatt kien certifikat illi kien ibaghti mid-dimensja u ghalhekk ma setax jorog mill-Isptar San Vincenz de Paule.

Rat ic-certifikat mahrug minn San Vincenz de Paule datat 11 ta' Gunju 2018 u mahrug mic-Chief Nurse Joseph Caruana.

Rat illi fid-19 ta' Gunju 2018 il-Qorti appuntat lill Psikjatra Dr Joseph Cassar sabiex jezamina lill-akkuzat u jevalwa l-istat tas-sahha mentali tal-akkuzat.

Rat ir-rapport tal-Psikjatra Dr Joseph Cassar, debitament mahluf, u ppresentat fis-17 ta' Lulju 2018.

Rat illi l-Psikjatra Dr Joseph Cassar ikkonkluda li l-imputat "minn Settembru 2015 ibati mill-kundizzjoni serja tad-dimensja u ghaldaqstant m'ghandux gharfiex ta' x'inhi kawza u lanqas ta' intendere u volere.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli 16 *et sequitur* tal-Att dwar is-Sahha Mentali tordna li Anthony Gatt ghandu jkun soggett ghal Ordni ta' Kura fil-Kommunita` u ghal dan il-ghan qed tinnotifika lil Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali sabiex jittiehdu l-passi necessarji sabiex l-istess Anthony Gatt jinghata l-kura kollha mehtiega u dan ai termini u skond il-proceduri msemmija fl-istess Att.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbgahat lil Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali.

In vista ta l-istat ta sahha tal-akkuzat, il-kawza hija differita Sine Die

**Magistrat Francesco Depasquale**